# L-Ewwel Soċji tal-*Casinò Lourdes*

*minn Carmen Lia B.Ed. (Hons.), B.A.*

Fl-1869, ħdax-il sena wara d-dehriet tal-Madonna ġewwa Lourdes fi Franza, mar bħala Kappillan il-Qrendi Dun Pietru Pawl Xuereb, D.D. Dan il-kappillan kien issaħħar minn dawn id-dehriet tal-Madonna u saħansitra żar il-belt ta' Lourdes fi Franza. Peress li d-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes bdiet dejjem tikber f'Malta, dan il-Kappillan ħaseb biex iżid din id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes fil-Qrendi. Għalhekk waqqaf il-Fratellanza tal-Madonna ta' Lourdes. Fl-1878, biex iżid l-entużjażmu, ġab statwa tal-Madonna ta' Lourdes u beda jorganizza festa f'ġieħ il-Madonna ta' Lourdes.




*L-istatwarju Carlo Darmanin li l-Kappillan Dun Pietru Pawl Xuereb ħatru biex jagħmel l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes fil-Qrendi.*

Jingħad ukoll li mad-dar tiegħu għamel niċċa bi statwa tal-Madonna ta' Lourdes.

Għall-ħabta ta' nofs is-seklu 19 f'Malta kien beda jitrawwem moviment soċjo-kulturali ġdid. Kienu bdew jinbtu ċentri rikreattivi jew Ċirkoli f'diversi postijiet f'Malta fejn id-dilettanti tal-mużika setgħu jkunu mħarrġa f'din l-arti. Il-Qrendi, għalkemm raħal żgħir, ma baqax nieqes mill-każini u kien mill-ewlenin biex kellu l-ewwel każin soċjali bl-isem "Casinò Lourdes." Dan il-każin kien fil-Palazz tan-Nobbli Spiteri-Agius u kien ta' kulħadd.

Kien hemm partitarji tal-Madonna ta' Lourdes u ta' Santa Marija kif ukoll xi sinjuri li kienu jmorru l-Qrendi bħala villeġġatura fosthom ta' *Ghana* u ta' *Depiro*. Fost l-ewwel soċji kien hemm ukoll xi nies miż-Żurrieq kif ukoll mill-Imqabba. Bil-mod il-mod, il-festa sekondarja tal-Madonna ta' Lourdes, saret popolari ħafna. Bħala President, l-ewwel insibu li kien Nikola Magri. Fis-seduta tat-3 ta' Marzu 1895 Nikola Magri, iffirma bħala Viċi-President u hekk baqa' jsir għal diversi seduti.

L-ewwel seduta tal-Kumitat saret il-Ħadd 10 ta' Frar fil-5 ta' fil-għaxija. Kien hemm diversi soċji proposti għal din l-ewwel seduta. Is-soċji preżentati kienu kollha rġiel u interessanti wkoll li ma' isimhom tniżżel ukoll il-laqam tagħhom. L-ewwel wieħed fil-lista kien ċertu wieħed Filippo Magro magħruf bħala "Ta' Sulask". Kien hemm votazzjoni għall-għażla ta' l-ewwel soċji u l-membri kollha kienu aċċettati. Tniżżlu wkoll il-voti li ġabu. Filippo Magro "Ta Sulask", Giovanni Farrugia "Tal Furnar", Giuseppe Agius "Ta Gannaros", Luigi Vella "Ta Ratell", Michele Camilleri "Ta Pataccu", Vincenzo Abdilla "Ta Silvia", Paolo Vella "Ta Carmnu t'Angla", Michele Cassar "Tad-Diankri", Giuseppe Cassar "Ta' Gharmazina", Carmelo Fenech "Tal-Mithna", Andrea Ellul "Ta Sapienz", Antonio Zammit "miż-Żurriek", Giuseppe Aquilina "Ta Patist", Angelo Balzan "Tas-Sinciera", Ignazio Magro "Ta Serafin", Vincenzo Sciberras "Tal Mitħna" ġabu voti massimi. Iffirma bħala President fi ħdan l-ewwel Kumitat Nikola Magri li kien jiġi z-ziju matern ta' l-Avukat Ġużè Cassar. Jidher ukoll li xi membri tal-familja ta' l-Avukat Cassar magħrufa bħala *Tal-Gharmazina* kienu soċji fl-ewwel Kumitat li sar fil-Każin ta' Lourdes u hawnhekk qed nirreferi għal Giuseppe Cassar.

Mill-istess minuti, naraw li kellu jinfetaħ bottegin u l-offerti kellhom joħorġu mis-soċji skond ir-regolamenti li kienu tfasslu. Il-Kumitat kien ta ordni lill-Kaxxier sabiex jonfoq l-ispejjeż neċessarji biex jinfetaħ l-ewwel bottegin.

Is-seduti baqgħu jsiru regolarment kull nhar ta' Ħadd u l-minuti ta' dawn l-ewwel laqgħat kienu miżmuma b'mod eċċelenti mis-Segretarju li ismu ma jingħatax.

Il-lista tas-soċji fi ħdan l-ewwel każin soċjali baqgħu dejjem aktar jiżdiedu għaliex diversi soċji kienu jkunu proposti għal-laqgħat sussegwenti. Il-Ħadd 17 ta' Frar fil-5 ta' fil-għaxija saret laqgħa oħra tal-Kumitat. Soċji

proposti għal din il-laqgħa kienu ħdax u l-lista tas-soċji tlestiet fil-11 ta' Frar mis-Segretarju.

Mill-familja *Tal-Gharmazina* żdied Celestino Cassar bħala soċju. Kien hemm ukoll ċertu Michelino Fenech magħruf bħala "Sinjur" propost bħala soċju. Dawn iż-żewġ soċji, bħal xi oħrajn, għaddew bil-voti kollha u l-Kumitat ta ordni li fis-seduta ta' l-24 ta' Frar 1895 is-Sur Michelino Fenech isir soċju onorarju. Fis-seduta tas-26 ta' Frar fl-4 ta' fil-għaxija kien hemm ħames soċji ġodda oħra.

Fil-laqgħa tal-Kumitat tat-3 ta' Marzu fil-5 ta' fil-għaxija kien hemm għoxrin soċju ieħor proposti għas-seduta. Pietro Cassar kien mill-familja "Tal-Mażina" u erba' soċji oħra kienu deskritti bħala "sinjuri". Dawn is-sinjuri kienu Antonio Fenech, Giovanni Mattei, l-Avukat Emmanuele Degiorio u Ignazio Imbroll. Dawn kollha għaddew għal soċji.

Il-Kumitat kien ta ordni fl-istess laqgħa sabiex huma jkunu proposti għall-onorarji fis-seduta ta' l-10 ta' Marzu 1895. F'din il-laqgħa Nikola Magri ma baqax jiffirma iżjed bħala President iżda bħala Viċi-President. Fil-laqgħa tal-Kumitat ta' l-1 ta' Mejju 1895 bħala Viċi-President iffirma Carmelo Muscat.

Ksur tar-regolamenti kienu jkunu rraportati fil-laqgħat tal-Kumitat. Kien hemm ċertu Carmelo Farrugia li kien irraportat minn diversi xhieda li kien ittraskura fil-ġbir tal-flus. Huwa kien eventwalment sospiż mid-dħul fil-każin għal tmint ijiem. Każ ieħor kien ta' Antonio Mifsud "Iċ-Ciuna" u Filippo Magri "Ta' Serafin" għax iġġieldu ġewwa u barra l-każin.

Kien hemm każ fejn xi soċji daħlu xi nies ġol-każin li kienu minn barra r-raħal tal-Qrendi u huma telqu u ħallewhom weħidhom fil-każin. Dwar dan il-każ kienu ttieħdu passi kontra dan is-soċju li kien Ignazio Magro "Ta' Serafin". Kien hemm diversi każijiet oħra rraportati fil-minuti fosthom dwar dagħa, ġlied jew kliem ħażin li kien jingħad ġewwa l-każin. Din turi d-dixxiplina stretta li kien hemm f'dawn iż-żminijiet. Is-soċji li kienu jinstabu ħatja kienu jkunu sospiżi mill-każin għal żmien determinat.

Nies mhux soċji anke jekk mill-istess raħal ma setgħux jitħallew jidħlu fil-każin. Nies minn barra l-Qrendi kienu jitħallew jidħlu soċji fil-każin. Kien hemm ċertu Antonio Zammit miż-Żurrieq, aktar tard ċertu sinjur Paolo Farrugia, Leonardu Balzan, Mariano Farrugia, Vincenzo Chircop u Paolo Caruana kienu lkoll mill-Imqabba u M'Angelo Zammit kien mis-Siġġiewi.

Għal lejlet u nhar il-festa ta' Lourdes is-soċji kellhom jidħlu l-każin lebsin il-ġlekk u ż-żarbun. Dan ir-regolament kien emendat fl-1897 u kien jgħid li nhar il-festa ta' Santa Marija u ta' Lourdes, is-soċji kellhom jidħlu lebsin il-ġlekk u ż-żarbun għal ħin ta' wara nofs in-nhar biss.

Għal dan l-ewwel każin soċjali bdiet tinxtara xi għamara. F'Ġunju 1898 inxtraw tużżana siġġijiet u xi għamara oħra. Ingħataw żewġ liri lill-Prokuratur tal-festa ta' Lourdes għal dik is-sena. Għal diversi snin il-Kumitat tal-każin kien ħa ħsieb iżejjen il-faċċata tal-każin u jillumina u jżejjen l-istess triq u kien jagħti l-flus lill-Prokuratur biex issir il-festa.

Il-każin kien aktar għar-rikreazzjoni tas-soċji. Kien isir logħob tat-tombla, tat-triset u logħob tal-karti fosthom tal-*Bella Donna*. Għal dan l-għan kienu nxtraw imwejjed żgħar għal-logħob. Il-logħob kien isir għall-flus.

Fl-1 ta' Mejju 1897, jidher li nbidel il-post tal-każin li mar f'tal-Viċi-President Carmelo Muscat fi Strada Mercato, numru 11, b'kera ta' seba' liri sterlini u għaxar xelini fis-sena li kellhom jitħallsu kull erba' xhur bil-quddiem. Il-fond kien jikkonsisti f'entrata, kamra taħt u oħra fuqha, nofs bitha, taraġ u ta' taħt it-taraġ fejn jinfed għal-lok ieħor u sala; għall-bir u *toilet* l-każin kellu jisserva ma' tal-post biswit. Din il-kirja kienet bir-riserva illi l-bejt jibqa' jintuża mill-ġar meta dan ikun irid itella' xi qamħ biex inixxfu u huwa seta' jgħaddi għall-kamra ta' fuq li żamm hu stess; bil-patt illi l-fond ikun mogħti lura fl-istat li ngħatalhom. Is-sid intrabat ukoll li jbajdilhom qabel jidħlu fih. Fl-1902 il-Kumitat talab biex il-post jikber.

**Din li ġejja hija l-ewwel lista tas-soċi fil-Casinò Lourdes skond il-laqgħa tal-kumitat li saret fl-10 ta' Frar 1895. Din il-lista ttieħdet mill-ktieb tal-minuti ta' l-istess Soċjetà. Din il-lista hija ffirmata mis-Segretarju li però ismu ma jingħatax. Soċji proposti għal din is-Seduta**

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Filippo Magro | Ta Sulask |
| 2 | Filippo Magro | Ta Serafin |
| 3 | Giovanni Farrugia | Tal Furnar |
| 4 | Giuseppe Agius | Ta Gannaros |
| 5 | Angelo Bugeja | Tal Balla |
| 6 | Luigi Vella | Ta Ratell |
| 7 | Michele Camilleri | Ta Pataccu |
| 8 | Vincenzo Abdilla | Ta Silvia |
| 9 | Paolo Vella | Ta Carmnu t'Anġlo |
| 10 | Francesco Sammut | Tal Fuied |
| 11 | Michele Cassar | Tad-Diancri |
| 12 | Giuseppe Cassar | Ta Gharmazira |
| 13 | Carmelo Fenech | Tal Mithna |
| 14 | Andrea Ellul | Ta Sapienz |
| 15 | Paolo Abdilla | Il Borza |
| 16 | Antonio Zammit | Miz Zurriek |
| 17 | Giuseppe Aquilina | Ta Patist |
| 18 | Angelo Balzan | Tas Sinciera |
| 19 | Ignazio Magro | Ta Serafin |
| 20 | Vincenzo Sciberras | Tal Mithna |

**Segretariu**